26 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Rina Bonello *versus* Paolo Camilleri

**Mandat ta' Impediment ta' Safar — Danni — Penali — Mara — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 1015 u 1365 tal-Kodiċi Ċivili, u Art. 869 u 870 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

*Bejn id-danni dovuti fl-okkażjoni ta' l-ottenimment ta' mandat ta' impediment ta' safar vessatorju għandha ssir distinzjoni; fis-sens illi l-azzjoni għad-danni tikkompeti lil min ikun sofrihom, mentri l-azzjoni għall-penali tikkompeti lill-persuna li kontra tagħha ġie ottenut il-mandat bħala riparazzjoni għall-affront lilha magħmul bl-ottenimment tal-mandat.*

*Għaldaqstant, jekk il-persuna impeduta hija mara miżżewġa, huwa r-raġel li għandu jaġixxi għad-danni kaġunati bl-ottenimment tal-mandat ta' impediment tas-safar ta' dik il-mara, jekk dawk id-danni jkunu jidħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti; imma għall-penali tista' taġixxi l-mara personalment, għax il-penali ma tidħolx fil-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*Għad-danni, meta dawn ikunu jidħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti, il-mara ma tistax taġixxi lanqas taħt ir-rifless li hija mandatarja taċita ta' żewġha, għax dawn id-danni jeżorbitaw mil-limiti tal-bżonnijiet tad-dar soliti u ta' kuljum.*

*U meta l-mara taġixxi għal dawn id-danni, mhux il-każ ta' illeġittimità tal-persuna tal-mara, imma jkun il-każ ta' "carenza d'azione".*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi, li biha talbet li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-konvenut ottjena, b'qerq jew ingustament, il-ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar ta' l-1 ta' Diċembru 1951 kontra l-attriċi (dok. Y), peress illi ddikjara li kellu jieħu minn għand l-attriċi somma akbar minn £20, mentri l-kreditu li talvolta kellu kien ta' anqas minn

dina s-somma, u kontra żewġ l-attriċi; u illi l-attriċi sofriet danni minħabba l-ħruġ ta' l-imsemmi mandat ta' impediment tas-safar; prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenut ottjena ingustament jew b'qerq l-imsemmi mandat, il-konvenut minħabba l-aġir tiegħu fuq imsemmi, (1) jiġi dikjarat responsabili għad-danni li sofriet l-attriċi in konsegwenza tal-ħruġ ta' l-istess mandat ta' impediment tas-safar; (2) jiġi kundannat iħallas lill-attriċi, in linea ta' danni, dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti; u (3) jiġi kundannat iħallas lill-attriċi bħala penali dik is-somma li tiġi fissata minn dina l-Qorti skond l-art. 869 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat il-verbal tat-13 ta' Marzu 1952 (fol. 18), fejn id-difensur ta' l-attriċi ddikjara li d-danni li sofriet jikkonsistu fl-ammont neċessarju tal-passaġġ li hu £34 bħala "assisted passage", liema somma kien bagħtielha żewġha; spjega wkoll li ma jistax jillimita ruħu għal dawn id-danni minħabba li l-attriċi tkun trid tmantni ruħha jekk ikollha tibqa' Malta;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenut tat-23 ta' Mejju 1952, sottometta li l-attriċi mhix persuna leġittima, għaliex għar-riparazzjoni ċivili tar-reat a dannu tal-mara miżżewġa il-kreditu jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u r-raġel biss għandu u jista' jfittex għal dak il-kreditu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut mhux preċiż meta kkwalifika l-eċċezzjoni tiegħu bħala illeġittimità tal-persuna ta' l-attriċi, għaliex dina tirrikorri fejn il-mara miżżewġa tkun parti f'kawża fl-isem u fl-interess tagħha proprju (art. 782 (b) Proċedura Ċivili), u meta l-kawża tkun tirrigwarda biss lil żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kif qiegħed jeċċepixxi l-istess konvenut. Għalhekk, mentri fl-ewwel każ il-mara ma għandhiex bżonn ħlief l-awtorizzazzjoni jew l-assistenza ta' żewġha, jew, jekk dan jirrifjuta, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, fit-tieni każ il-mara ma għandhiex dritt tkun fil-kawża, u fiha jista' jidher biss ir-raġel, bil-konsegwenza li, f'dan il-każ, l-eċċezzjoni tkun

dik hekk imsejħa ta' "carenza d'azione"; u l-Qorti hekk sejra tikkunsidraha;

L-attriċi, fl-ewwel u t-tieni domanda, qiegħda titlob ir-responsabilità u ħlas ta' danni, u fit-tielet domanda ħlas ta' penali. Biex tasal għal soluzzjoni konformi għall-prinċipji, il-Qorti sejra tiddistingwi bejn id-danni u l-penali — distinzjoni, del resto, li l-istess liġi tagħmel fl-art. 869 u 870 tal-Proċedura Ċivili;

Rigward id-danni, il-Qorti tosserva li, kif jidher mill-verbal fol. 18, dawn jikkonsistu fl-ammont neċessarju biex l-attriċi u wliedha jmorru ħdejn ir-raġel tagħha, jiġifieri fil-prezz tal-passaġġ, li jilħaq £34, kif ukoll fin-nuqqas ta' manteniment li żewġha rrifjuta li jibgħatilha a kaġun ta' l-impediment tas-safar tal-konvenut, bil-konsegwenza li hija jkollha fara mnejn iġġib il-manteniment għaż-żmien li tibqa' Malta;

Kwantu għall-flus tal-vjaġġ, dawna, "ex admissis", l-attriċi kienet irċevietħom minn għand żewġha, u għalhekk ma hemmx dubju li l-azzjoni għar-rifużjoni tagħhom tikkompeti lilu, bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Kwantu għall-manteniment, l-attriċi preżumibilment ikollha taħdem; u peress li l-qliegħ tal-mara, anki f'ipotesi inverosimili li jsir b'mezzi diżonesti, jaqa' fil-komunjoni, l-azzjoni relativa tikkompeti dejjem lir-raġel;

Rigward il-penali, din hija ħaġa diversa mid-danni. Difatti hija vera pena biex tirreprimi l-aġir abużiv ta' min jottjeni mandat ta' impediment tas-safar bi spirtu ta' vessazzjoni, jew anki b'leġġerezza doluża, u hija intiża biex tissodisfa u tirripara l-affront u l-onta li l-persuna impeduta bil-mandat tkun sofriet inġustament (Kollez. Vol. XXI—I—445; XXIV—I—1032). Għandha karattru essenzjalment personali, kif il-liġi stess, fl-art. 869 (2) tal-Proċedura Ċivili, tirrikonoxxi meta tiddisponi li l-ħlas tal-penali jsir bil-persuna li kontra tagħha jkun ħareġ il-mandat. Il-penali tista' dejjem tiġi inflitta, anki jekk fil-fatt il-parti ma tkunx sofriet ħsara; jiddependi biss miċ-ċirkustanzi tal-każ, jiġifieri mill-gravità tal-malizzja ta' min ikun ottjena l-mandat; mentri r-rižarċiment tad-danni ma huwa qatt fakoltativ, għaliex hu bażat fuq ir-

realtà u l-entità tal-ħsara, basta li ssir il-prova tagħhom;

Id-dottrina applikat dawn *il-prinċipji* fil-każ ta' l-azzjoni surrogatorja, u ġie negat lill-kredituri d-dritt li jeżerċitaw id-dritt għar-riparazzjoni pekunjarja f'każ ta' inġurja magħmula *lid-debitur*. (Għaliex, igħid il-Laurent, "l'azione in questo caso diventa personale; perchè tende alla vendetta, e spetta all'offeso *il decidere* se perdonare o vendicarsi" (Diritto Civile, Vol. XVI, no. 419);

Għal dawn *il-konsiderazzjonijiet*, la darba l-persuna impeduta bil-mandat kienet l-attriċi, l-affront sar lilha, u hija biss għandha jkollha d-dritt li taġixxi għall-applikazzjoni tal-*penali*, *intiża biex tirripara dak* l-affront Del resto, dana d-dritt ma jaqax taħt ebda waħda mill-ipotesi kontemplati fl-art. *1365* (Kodiċi Ċivili), u konsegwentement ma jidħolx fil-komunjoni ta' l-akkwisti, li tagħha huwa kap ir-raġel. Mhix applikabili għall-każ *is* sentenza riportata fil-Kollezzjoni Vol. XXIX—I—1577, invokata mill-konvenut, għaliex allura si trattava ta' danni effettivi, konsistenti fi spejjeż għall-kura ta' mara miżżewġa, li kif osservat il-Qorti, kienu ġew preżumibilment erogati mir-raġel mill-flus tal-komunjoni, u għalhekk hu biss seta' jitlob ir-rifużjoni tagħhom;

Kwantu, imbagħad, għas-sottomissjoni ta' l-attriċi, li fi kwalunkwe *każ* hija f'dina l-kawża għandha tiġi kunsidrata bħala mandatarja taċita ta' żewġha, il-Qorti ma tistax takkoljiha; għaliex ir-riżarċiment tad-danni jeżorbita mil-limiti tal-bżonnijiet tad-dar soliti u ta' kulvm kontemplati fl-art. 1015 tal-Kodiċi Ċivili. Imbagħad, kif sewwa rrileva l-konvenut, l-attriċi kien imissha tispeċifika fiċ-ċitazzjoni l-kwalità ta' mandatarja taċita ta' żewġha, iżda hija tidher li qiegħda *taġixxi f'isimha* proprju;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' "carenza d'azione" *limitatament* għall-ewwel u t-tieni domanda, u tirrespinġiha rigward it-tielet domanda, u konsegwentement tillibera l-konvenut mill-ewwel *żewġ* domandi; u tiddifferixxi l-kawża għat-trattazzjoni fuq l-aħħar domanda għall-udjenza tas-16 ta' Ottubru 1952;

*L-ispejjeż jitħallsu żewġ terzi mill-attriċi, u terz* mill-konvenut.